MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 685/2005

**Master Distributors Limited (C-2837)**
**vs**
**Charles Lebrun**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Marzu, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sbatax-il lira Maltija u hames centezmi (Lm217.05), ammont dovut ghall-merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut. Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Jannar, 2005 u bl-imghax legali mid-19 ta' Frar, 2002 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Novembru, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta**

**risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sbatax-il lira Maltija u hames centezmi (Lm217.05), bl-imghax legali dekoribbli mid-19 ta' Frar, 2002 sal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-11 ta' Jannar, 2005, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------